TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024**

**Talba Nru: CCT53/24/DS**

**Paul Gladwish**

**Vs**

**Portelli and Brincat Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont li illi huwa ħallas bħala depożitu li tħallas F'Ottubru, 2023 u għadhom ma waslux.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma it-talba tiegħu taħt. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-l-attur kien prova jikkomunika mas-soċjeta' attriċi pero' ma wasal imkien u saħansitra kellu jmur diversi drabi huwa stess fl-istabbiliment tas-soċjeta' intimata fejn qalulu li ser jaqduh pero' jridu jistennew id-drapp jasal u li malli jasal ituħ data iżda xorta baqgħu ma marrux.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Illi f'Regolament 14.1 tal-istess Ligi Sussidjarja jingħad ukoll illi d-decizjoni dwar it-talba tista' ssir fi tmiem is-seduta;

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) depożitu kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżalu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**